MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Numru. 287/2012

Il-Pulizija
(Sp Carlos Cordina)
vs
Francois Micallef, iben John, imwieled Pieta' fil-11 ta' Ġunju, 1984, karta ta' l-identita' numru 293784(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fi Triq Qrejten ġewwa l-Ħamrun fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Diċembru, 2011, ikkometta serq ta' diversi oġġetti, cioe' stereo tal-għamla Pioneer u nuċċali ta' għamla mhux magħrufa, liema serq jeċċedi l-€232.94 u għalhekk ikkwalifikat biil-valur, bil-mezz, bil-ħin u bil-lok li sar għad-dannu ta' Christoopher George Muscat;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

3.   talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassr, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara teċċedi €116.47 fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBX 362, tal-għamla Ford Transit, għad-dannu ta' Christopher George Muscat;
4.   talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Il-Qorti ġiet infurmata li d-danni magħmula mill-imputat huma ta' seba' mitt euro (€700).

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ġunju, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kkontra tiegħu.

Semget lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha.  Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(e)(f), 264, 267, 269(g), 270 u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja izda wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Probation Order kontra l-imputat għal żmien tlett (3) snin mil-lum.  Rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' seba' mitt euro (€700) danni lil Christopher George Muscat fi żmien sitt xhur mil-lum.  L-imputat hu ordnat li jibda jsegwi program għar-riabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------